Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 6 ta' Frar 2018**
**(OR. en)**

**5608/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0269 (NLE)**

**AGRI 46**
**AGRIORG 12**
**AGRIFIN 14**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | KSA / Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 15644/17 |
| Nru dok. Cion: | 13659/17 + ADD 1 + ADD 2 |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jiffissa l-imposti tal-produzzjoni u l-koeffiċjent għall-kalkolu tal-imposta addizzjonali fis-settur taz-zokkor għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 1999/2000 u li jiffissa l-imposti tal-produzzjoni fis-settur taz-zokkor għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2000/2001<br>- Adozzjoni |

1. Fl-24 ta' Ottubru 2017 il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq, ibbażata fuq l-Artikolu 43(3) TFUE.

2. Il-proposta tal-Kummissjoni ġiet ippreżentata lill-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura fl-20 ta' Novembru 2017 u ġiet diskussa fit-8 ta' Diċembru 2017 fil-Grupp ta' Ħidma dwar iz-Zokkor u l-Isoglukożju.

3. Fid-19 ta' Diċembru 2017, il-Presidenza Estonjana, b'kollaborazzjoni mal-Presidenza Bulgara li jmiss, iċċirkolat Abbozz ta' Regolament rivedut (dok. 15644/17). Fit-22 ta' Jannar 2018, il-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura eżamina dik il-proposta ta' kompromess u, fin-nuqqas ta' appoġġ mill-Kummissjoni, approvaha b'unanimità.

4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill japprova r-Regolament, kif jidher fid-dokument 5620/18 wara finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.